MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Talba Numru. 163/2006

**David Ellis bhala bursar**
**fl-isem u fl-interess tal-kullegg St Edward's**

**vs**

**Ruth Cassar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' mitejn tnejn u sittin Lira Maltin (LM 262.00) rapprezentanti mizati ta' *term* li gew rezi dovuti a tenur tal-Artiklu 7.1 tar-regolamenti tal-Kullegg St Edward's stante li l-konevnuta naqset milli taghti l-preavviz mehtieg skond l-idetss artiklu li t-tifel taghha mhux ser jattendi l-iskola izjed u dan skond kont li gib id-data tat-2 ta' Settembru, 2004 li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat Dok 'A' u skond kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal fil-mori tal-kawza.

Illi l-konvenuta Ruth Cassar ghalkemm interpellata sabiex thallas dan l-ammont baqghet inadempjenti.

Ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas l-hawn fuq imsemmi ammont ta' mitejn tnejn u sittin Lira Maltin (LM 262.00) lill-attur nomine.

Bl-ispejjez kollha, inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra legali li ggib id-data tat-13 ta' Gunju, 2005 u dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Frar, 2006 u bl-imghaxijiet legali sad-datat tal-pagament effettiv li hija minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra l-Kapitolu ghas-Subizzjoni tal-konvenuta ipprezentat minn Dr Rachel Bonello fit-28 ta' Marzu, 2007;

Ra li l-konvenuta naqset tikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------